# Il-Fabbriki tal-Luminata fiż-Żejtun fis-Seklu Għoxrin

*Kitba ta' Joe Mercieca*

Kull min xi darba ra xi kollezzjoni tal-fliexken tal-luminata ta' Malta, jibqa' mistagħġeb bin-numru ta' fabbriki li kellna f'dawn iż-żewġ gżejjer Maltin. Kienu verament fabbriki żgħar, ħafna drabi mmexxija minn membri tal-istess familja. Imma għalkemm kienu fabbriki żgħar, kollha kellhom il-fliexken tagħhom li fuqhom kien ikun hemm il-*logo* jew arma, bl-isem ta' sid il-fabbrika u l-isem tar-raħal fejn kienu jsiru. Fl-ewwel ħamsin sena tas-seklu għoxrin, kienu fliexken bojod jew ħodor ċari bil-kliem ibbuzzat fuq l-istess ħġieġ. Wara l-gwerra daħlu fis-suq il-fliexken biż-żebgħa tan-nar (baked paint) u issa f'dawn l-aħħar ħamsin sena ftit ftit daħlu l-fliexken bit-tikketti tal-karta. Issa mis-sena 2007 daħlu fis-suq il-fliexken tal-plastik u spiċċaw il-fliexken tal-luminata tal-ħġieġ.

Iż-Żejtun, bħal diversi rħula f'Malta u Għawdex, kellu l-fabbriki tal-luminata tiegħu. Matul is-seklu għoxrin insibu erba' fabbriki tal-luminata. Dawn kienu Ta' Pace, tal-Winner, Ta' Callus u Ganni Debono n-Naqqi. Minn dawn it-tlieta, Gaspare Callus biss kien li beda mill-bidu dan in-negozju, għaliex it-tlieta l-oħra, qabel ma bdew bil-produzzjoni tal-luminata, il-familja tagħhom kienu ġa fin-negozju tal-inbid, ix-xarba l-iżjed popolari fir-raħal tagħna jew fil-bejgħ jew fit-tqassim tal-birra.

Minn meta beda l-bejgħ tal-birra, xi ħwienet fiż-Żejtun kellhom il-fliexken tal-birra tagħhom, bit-tapp taċ-ċeramika li fuqu kien ikun hemm isem is-sid, il-*logo* jew arma u isem ir-raħal. Minn dawn il-fliexken s'issa naf li kellna tlieta li huma : Fratelli Pace, Lorenzo Debono missier Ganni n-Naqqi u Antonio Caruana is-Sur Nin. Is-sidien ta' dawn il-fabbriki kienu kollha Żwieten għalkemm Lorenzo missier Ganni Debono kien minn Ħaż-Żabbar miżżewweġ iż-Żejtun u s-Sur Nin, missier Ġużeppi u Pawlu Caruana kien minn Bormla u ommhom mill-Isla.

**L-ewwel fabbrika tal-luminata – Ta' Pace**

Kienu l-aħwa Ġużeppi u Amabile Pace li bdew bil-produzzjoni tal-luminata fiż-Żejtun. L-ewwel fabbrika tagħhom kienet fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Sqaq Santa Marija Nru.1. F'din ir-remissa huma kellhom l-ewwel makkinarju u kienu jipproduċu taħlita ta' ilma biz-zokkor imħallta b' essenza tal-lariġ jew lumi li kienu jixtru mingħand żewġ aġenti fil-Belt Valletta

Il-fliexken li kienu jużaw kienu dawk, li llum nafuhom bħala "Tal-Boċċa" għax flok tapp tal-metall jew tas-sufra,kien ikollhom, fl-għonq tal-flixkun stess, boċċa tal-ħġieġ,li din xħin timtela bil-pressa tal-gass kienet tissiġilla l-flixkun. Huma kellhom żewġ daqsijiet minn dawn il-fliexken u l-*logo* fuqhom kien dejjem dak tas-salib ta' Malta. Fuq il-kaxxi tal-injam mill-bidu kienu jniżżlu l-kliem Pace Brothers, il-*logo* tas-salib ta' Malta kif ukoll l-isem "Żejtun".

Wara din il-fabbrika ċkejkna għaddiet f'idejn il-kuġini Antonio, t-tifel ta' Amabile, u Carmelo, t-tifel ta' Pasquale. Pasquale kien ħu Ġużeppi u Amabile u kien minn dejjem fin-negozju tal-inbid, il-ħall u l-ilma żahar. Dawn iż-żewġ kuġini flimkien u bejniethom fetħu fabbrika f'Ħaż-Żabbar, fi Triq Felice, b'makkinarju ġdid li jieħu fliexken ġodda biex b'hekk ġew eliminati l-fliexken tal-boċċa. Hawnhekk minn din il-fabbrika bdew jipproduċu iżjed prodotti tal-luminata b'togħmiet ġodda bħal tal-frawli u tal-banana. Għalkemm din il-fabbrika kienet Ħaż-Żabbar huma baqgħu jniżżlu dejjem "Żejtun" kemm fuq il-kaxxi kif ukoll fuq il-fliexken u t-tappijiet.

Fil-bidu tas-snin ħamsin dawn iż-żewġ kuġini xtraw makkinarju iżjed modern u semi-awtomatiku u minn Ħaż-Żabbar fetħu l-fabbrika l-ġdida fi Triq San Girgor, quddiem il-bini parrokkjali f'garaxx kbir mad-dar ta' Antonio. Dan il-makkinarju kien jitlob fliexken ġodda u bis-saħħa t'hekk bdew jintużaw dawk il-fliexken bil-kitba stampata fuqhom biż-żebgħa tan-nar. F'dan iż-żmien il-luminata ta' Pace kienet fl-aqwa tagħha titqassam f'diversi rħula kemm f'Malta kif ukoll ġewwa l-gżira ta' Għawdex.

Wara dan is-suċċess inħasset il-ħtieġa li tinbena fabbrika akbar u fis-sena 1958 Pace Brothers marru

fil-fabbrika l-ġdida fi Triq Sant'Anġlu ftit 'l isfel mill-iskola primarja. Hawn kellhom spazju biżżejjed biex jiġbru kollox taħt saqaf wieħed: il-makkinarju, il-ħażna tal-kaxxi, it-trakkijiet u l-uffiċċini tal-kumpanija. Hawnhekk flimkien mal-luminata, bdew jipproduċu diversi *squashes* fi fliexken tal-litru. Huma bdew jipproduċu wkoll luminata ġdida Franċiża bl-isem ta' "Verigoud". Sa mill-bidu din il-luminata għamlet suċċess u malajr saret popolari. Wara s-suċċess tal-"Verigoud", Ta' Pace xtraw id-drittijiet tax-xarba Kitty-Kola mingħand id-ditta *The Stars Co.* Malta,li kienet l-ewwel xarba tal-Kola f'Malta qabel dawk li għandna llum.

Iżda ġara li maż-żmien f'Malta bdew jiftħu numru ta' friegħi ta' fabbriki kbar internazzjonali u allura dawn il-fabbriki żgħar Maltin bdew it-triq tan-niżla biex finalment għalqu l-bibien tagħhom darba għal dejjem.Din il-kompetizzjoni fis-suq bdiet tolqot ukoll lill-fabbriki l-kbar, tant hu hekk li xi wħud minnhom inxtraw minn sidien ta' fabbriki oħrajn biex b'hekk tonqos il-kompetizzjoni.

Wara diversi tentattivi biex il-fabbrika ta' Pace tibqa' miftuħa bil-ħidma ta' wlied Antonio u Carmelo, fl-aħħar qablu bejniethom u għalqu l-fabbrika u l-bini tagħha nxtara minn imprenditur biex flokha jinbena numru ta' appartamenti. Iżda Johnny Pace, wieħed minn ulied Carmelo, fis-sena 1995 reġa' beda jipproduċi waħdu l-luminata f'garaxx fi Triq Sant'Anġlu sakemm dan għalaq l-età tal-irtirar xi sentejn ilu. Johnny sakemm dam jaħdem waħdu minn dan il-garaxx beda juża fliexken ġodda tal-ħġieġ bil-*logo* tas-salib ta' Malta imma taħt isem ġdid ta' "Plaire ". Illum fl-istess garaxx hemm ibnu Sinclair li ġab makkinarju ġdid biex jipproduċi l-i*squashes* f'konteurituri tal-plastik taż-żewġ litri.

**It-tieni fabbrika tal-luminata – Tal-Winner**

Fis-sena 1948 Pawlu u Ġużeppi Caruana, żewġt aħwa minn tliet ulied tas-Sur Nin, fetħu fabbrika tal-luminata fil-garaxx li kellhom fi Triq Santa Monika, iż-Żejtun. Huma ġabu makkinarju semi-awtomatiku ġdid u ordnaw numru ta' fliexken mill-Belġju bil-*logo* ta' nagħla madwar ras ta' żiemel bil-kliem fuqu – Winner Aerated Waters – Trade Mark Registered – P & J Caruana Żeitun Malta". Il-kaxxi tal-injam kellhom miktub fuqhom l-istess kliem. Meta din il-luminata bdiet tintgħoġob, l-aħwa Caruana bdew jużaw fliexken żgħar biex ikunu popolari mat-tfal bi prezz orħos mill-fliexken il-kbar. Bil-ftit il-ftit din il-luminata bdiet tasal f'bosta rħula mhux biss fl-irħula tal-qrib imma wkoll sal-Imġarr u fil-gżira ta' Għawdex.

Fis-sena 1960 il-garaxx tal-fabbrika kellu jitkabbar għaliex żdiedu l-prodotti b'togħmiet ġodda u bil-luminata bla zokkor. Kull luminata tal-Winner kellha l-flixkun tagħha b'kulur differenti u fuqu kien ikun hemm it-tpinġija tal-frotta li minnha kienet tkun magħmula l-luminata. F'dan iż-żmien tal-Winner kellhom sett ta' tliet fliexken – banana, larinġ u lumi – tassew sbieħ u llum il-ġurnata huma mfittxija ħafna mill-kollezzjonisti.

Wara li spiċċaw mit-tmexxija tal-fabbrika l-aħwa Pawlu u Ġuzeppi, it-tfal tagħhom bdew imexxu huma. In-negozju beda sejjer lura mhux għax dawn it-tfal ma kinux kapaċi jmexxu, iżda għax f'Malta kien hawn kompetizzjoni kbira fil-bejgħ tal-minerali, speċjalment meta daħlu fis-suq Malti dawk id-ditti internazzjonali. Il-bejgħ tant naqas li minn żmien għal ieħor tal-Winner bdew jintroduċu speċi ta' lotterija fejn taħt it-tappijiet wieħed kien jista' jsib xi affarijiet bħal *T- shirts, key chains, tin-openers* jew kaxxa luminata b'xejn. Fil-bidu tas-snin disgħin tal-Winner bdew jipproduċu l-i*squash* fil-fliexken tal-plastik ta' erba' litri. Iżda l-bejgħ baqa' sejjer lura u kien hemm żmien li fix-xitwa l-fabbrika kienet tiftaħ darbtejn fil-ġimgħa jew is-Sibt biss.

Fiż-żmien li Malta bdiet tipprepara biex tidħol fl-Unjoni Ewropea u meta kien qed jingħad x'kienet qed titlob din l-Unjoni mingħand dawk is-sidien li għandhom xi fabbrika tal-minerali, is-sidien tal-fabbrika tal-Winner iddeċidew flimkien u għalqu l-fabbrika f'April 2007. Dan il-pass għaqli ħaduh wara li saru jafu kemm xogħol u spejjeż kienu meħtieġa biex ikomplu bil-produzzjoni tal-luminata.Hekk din il-fabbrika tal-Winner spiċċat wara 60 sena minn meta bdiet il-produzzjoni fis-sena 1948.

**It-tielet fabbrika tal-luminata – Tan-Naqqi – Ġanni Debono.**

Dan Ġanni kien iben Wenzu tal-inbid li barra n-negozju fil-bejgħ tal-inbid kellu ħanut fi Triq il-Madonna tal-Ħniena fejn illum hemm dak il-ħanut tal-logħob tal-"Malta Lottery". Ġanni kien l-uniku tifel fost ħutu li mexa fuq il-passi ta' missieru Wenzu. Qabel ma fetaħ il-fabbrika tal-luminata fi Triq Lorenzo Gafà huwa kellu n-negozju tiegħu fit-tqassim u fil-bejgħ tal-inbid u tal-birra li kien iġib mingħand iċ-Ċisk, mingħand ta' Simonds u mingħand ta' Farsons.

Fis-sena 1929 Ġanni, meta beda jilmaħ il-kompetizzjoni bejn dawn iż-żewġ birreriji Maltin, iddeċieda li jiftaħ fabbrika ċkejkna tal-luminata.

Huwa xtara kollox, makkinarju, kaxxi u fliexken. Fuq il-fliexken ta' żewġ daqsijiet kellu l-kliem miktub "High Class – Manufactured by John Debono - Żejtun Trade Mark Registered" u bħala *logo* għażel l-arma ta' Santa Katerina kif insibuha fuq il-paramenti sagri fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Dan il-*logo* juri l-imħabba li kellu lejn il-patruna taż-Żejtun, kif ukoll il-ħeġġa u l-entużjażmu lejn ic-Circolo Santa Caterina – Tal-Laċċi – fejn kien membru attiv tal-kumitat għal bosta snin.

Din il-fabbrika ta' Ġanni n-Naqqi kellha tieqaf ftit xhur wara li bdiet il-gwerra, għaliex ma kienx hawn zokkor u essenza tal-luminata.Ġanni wkoll fi żmien il-gwerra baqa' waħdu bla lavranti għaliex inġabru bil-lieva. Iżda Ġanni baqa' jaħdem bi tbatija kbira, bit-tqassim tal-birra u l-inbid fil-ftit ħwienet li kienu għadhom miftuħa. Wara l-gwerra huwa biegħ kollox mill-fabbrika tal-luminata : il-makkinarju, il-kaxxi u l-fliexken kollha lil ċertu Ġużeppi Buhagiar minn Ħaż-Żabbar minn tal-Ħawli, li dak iż-żmien kellu f' idejh it-tmexxija tat-Teatru Royal f'Ħaż-Żabbar.

**Ir-Raba' fabbrika tal-luminata – Ta' Gaspare Callus**

Dan Gaspare qabel ma fetaħ il-fabbrika tal-luminata fiż-Żejtun kemm-il darba mar ifittex xogħol ġewwa l-Amerka. Huwa kien bniedem tas-sengħa, biss in-negozju kien għal qalbu u fl-aħħar iddeċieda li jiftaħ fabbrika ċkejkna tal-luminata għax minn dak li ra fl-Amerika, lemaħ li f'dan in-negozju hemm prosperità u qligħ ta' flus. Huwa fetaħ il-fabbrika tiegħu f'nru. 45, Triq Marsaxlokk, flimkien ma' Leli Galea ta' Ġiża li kien ħabib tiegħu u miegħu wkoll kien l-Amerka. Iżda dan Leli minn ta' Ġiża ftit dam bħala s-sieħeb ta' Gaspare u wara daħal floku Żejtuni ieħor, ċertu Mabbli Attard minn tal-Piż.

Fuq ir-remissa tal-fabbrika kellu miktub "Callus & Attard Mineral Water Factory". Dan l-istess kliem kien ibbuzzat fuq il-fliexken flimkien mal-kelma "Żejtun" u l-*logo* tiegħu kien il-*quattro foglie* – il-fjura b'erba' petali – ibbuzzat kemm fuq il-fliexken il-kbar kif ukoll fuq iż-żgħar. Din il-fabbrika damet miftuħa sa ftit xhur wara li bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija għaliex Gaspare Callus kellu jwaqqaf il-produzzjoni tal-luminata għax ma kienx qed isib zokkor u petrol biex iħaddem il-makkinarju. Għalhekk huwa għalaq il-fabbrika u daħal jaħdem it-Tarzna sakemm miet fis-sena 1948. Qabel miet irnexxielu jbigħ kollox lis-Sur Ġann Cavallo li kien minn San Ġiljan u kien ġie joqgħod iż-Żejtun fi Triq Santu Wistin meta fis-sena 1931 laħaq bħala *Route Manager* biex imexxi x-xarabanks tal-linja taż-Żejtun. Meta l-fabbrika għaddiet f'idejn is-Sur Ġann, huwa żamm kemm il-kaxxi, kif ukoll il-fliexken li kellu Callus, biss biddel it-tabella li kellu fuq ir-remissa u kiteb il-kliem – "Beland Mineral Water Factory" – u fuq il-fliexken beda jwaħħal tikketta b'isem il-ġdid tal-luminata li issa sar – "Beland Lemonade jew Beland Orange – Żejtun Malta". Din il-fabbrika damet miftuħa sakemm miet is-Sur Ġann Cavallo fis-sena 1952. Wara mewtu l-familja marru lura lejn Tas-Sliema u wara xi snin, dak kollu li kien hemm fil-fabbrika inbiegħ bħala skrapp.

Hekk matul dan is-seklu għoxrin fiż-Żejtun kienu joperaw erba' fabbriki tal-luminata. Tlieta minnhom għalqu darba għal dejjem. Kull ma baqa' llum hija l-produzzjoni tal-i*squashes* f'idejn Sinclair Pace iben Johnny it-tifel ta' Carmelo.

Joe Mercieca
Festa ta' Sant'Anton Abbati - 17 ta' Jannar 2010.


*Jennifer Fashion and more...*

Falkunier Street, Żejtun (near Ċanċu)
Ladies & Men's Wear, Kids & Baby Wear,
Shoes & Handbags, and much more!

NEW STOCK EVERY 3 WEEKS

Tel: 2766 0873 • Mob: 79715648

